# APPLIKAZZJONI GĦAL TRASPORT TA' SKEJJEL TAL-KNISJA U INDIPENDENTI – GĦALL-ĠENITURI

**Termini u Kundizzjonijiet għal Trasport b'Xejn għal Skejjel li Mhumiex tal-Istat**

1. L-applikazzjoni trid issir permezz tal-e-ID.
2. Kull vawċer sottomess se jkun assenjat ma' operatur wieħed biss u ma jistax jiġi trasferit matul is-sena skolastika kurrenti. Jekk l-istudent/a ikollu/ha bżonn j/tibdel l-indirizz matul is-sena skolastika u l-operatur ma jkunx jista' jakkomoda dik ir-rikjesta, għandha tintbagħat imejl lis-Sezzjoni għat-Trasport tal-Iskejjel fuq id-dettalji ta' kuntatt ipprovduti fl-aħħar ta' dan id-dokument.
3. Il-vawċer jibqa' validu għal sena skolastika waħda biss.

**Kif Għandek Tapplika**

Agħfas il-link t'hawn taħt :

https://malta-transport.schoolbusnet.net/#/

Alternattivament, u għal aktar informazzjoni wieħed jista' jżur education.gov.mt – is-sit elettroniku tagħna u jagħgħfas fuq:

- Servizzi
- Trasport tal-Iskola
- Servizzi tat-Trasport Indipendenti/Skejjel tal-Knisja
- Il-Proċess ta' Applikazzjoni

Ladarba tikklikkja l-link, il-paġna t' hawn taħt se tkun viżibbli:




Issa trid tagħfas fuq il-buttuna l-ħadra **Login with e-ID** u minn hemmhekk jinfetaħ *screen* kif inhu muri hawn taħt, fejn trid iddaħħal id-dettalji tal-kont tal-e-ID sabiex taċċessa l-formola tal-applikazzjoni:




Meta tkun illogjat/a, trid tattiva t-*Two Factor Authentication*, billi tagħfas fuq il-buttuna l-griża: "Activate Two-Factor Authentication".



Sabiex tkun tista’ tkompli, trid tivverifika l-indirizz elettroniku billi tagħfas fuq il-buttuna: “Send code”. Imbagħad se tirċievi l-*verification code* fuq il-indirizz elettroniku tiegħek.




Meta l-*verification code* ikun intbagħat fuq l-indirizz elettroniku tiegħek, inti trid tikteb dan il-*code* fil-kaxxa kif inhu muri hawn taħt. Imbagħad trid tagħfas fuq il-buttuna “Verify”.



Issa qiegħed/qiegħda fil-formola tal-applikazzjoni. Id-dettalji li huma diġa` mimlijin huma dawk f'Sezzjoni *1. Id-Dettalji tal-Ġenitur/Kustodju Legali*. Dawn id-dettalji huma diġa` mimlijin permezz tal-informazzjoni minn Identita` skont l-e-ID. Inti tista' tibdel id-**Dettalji ta' Kuntatt** u **l-Indirizz** iżda ma tistax tibdel id-Dettalji Personali. Innota li taqsimiet immarkati b' (*) huma mandatorji u ma jistgħux jitħallew vojta.



- Jekk għandek bżonn li l-istudent/a j/titniżżel f'indirizz differenti wara nofsinhar, inti trid tittikkja l-kaxxa ta' taħt il-mappa. Imbagħad l-applikazzjoni se tiftaħlek sezzjoni oħra fejn tkun tista' ddaħħal l-indirizz tal-inżul għal wara nofsinhar. Din tagħmilha jekk trid.



- Meta tkun lest/a minn din is-sezzjoni, inti trid tikklikkja fuq il-buttuna s-safra **Ikklikkja hawn** sabiex tivvalida l-indirizz u tipproċedi. Se tiġi murija *pop-up* u inti trid tagħfas **OK.**




- Issa trid tagħżel l-isem tal-istudent/a mid-*dropdown menu* fid-**Dettalji tal-Istudent/a**. Meta l-isem jiġi magħżul, in-Numru tal-Karta tal-Identita`, l-Isem u l-Kunjom se jimtlew awtomatikament kif inhu muri hawn taħt. Innota li jekk l-isem tal-istudent/a ma jidhirx fid-*dropdown menu*, inti tista' ddaħħal in-numru tal-karta tal-identita` tal-istudent/a, l-Isem u l-Kunjom b'mod manwali sabiex tkun tista' tkompli – inti trid ukoll timmarka l-kaxxa sabiex tiddikjara li l-informazzjoni hija korretta.




- Issa trid timla Sezzjoni **3. Id-Dettalji tat-Trasport** f'din l-ordni: is-Sena tal-Klassi għall-2025/2026 u l-Isem tal-Iskola.



- F’Sezzjoni **4. Notament dwar il-Kunsens u l-Protezzjoni tad-Data** trid tittikkja l-kaxxa sabiex tikkonferma li qrajt id-dettalji dwar l-Ipproċessar tad-Data.







- Meta tkun qed tissottometti l-applikazzjoni, jekk xi informazzjoni tħalliet vojta, il-formola se tiħdok lura għall-parti b’informazzjoni li mhix kompluta u se turik dan b’kaxxa u nota ħamra kif inhu muri fl-eżempju hawn taħt (fejn in-numru tal-mowbajl tħalla vojt):



Fl-aħħar, meta l-formola tkun mimlija b'mod tajjeb u sottomessa, il-*pop-up* t'hawn taħt se jiġi jidher:




Jekk trid tibdel xi ħaġa trid tikklikkja **IKKANĊELLA** u tmur lura fl-applikazzjoni. Jekk inti kuntent/a bid-dettalji, trid tagħfas **IVA** u l-applikazzjoni tiġi sottomessa.

Meta l-applikazzjoni se tkun ġiet sottomessa, inti se tkun notifikat/a li l-applikazzjoni ġiet sottomessa b'suċċess u se tirċievi wkoll il-*Voucher ID*. Huwa importanti li tieħu nota ta' dan il-*Voucher ID* bħala referenza għall-futur. Dan se jintbagħat ukoll fl-indirizz elettroniku li kont ipprovdejt fl-applikazzjoni.




Eżempju ta' kif jidher il-vawċer, jinstab hawn taħt:

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

7H9HC1P3G0

Scholastic Year: **2023-2024** Applied For: **Non-State**

Your Application's Unique VOUCHER ID: 7H9HC1P3G0 (give this to your Service Provider)

**This Voucher is applicable for PM (Afternoon)**

Parent/Legal Guardian Details

| | |
|---|---|
| ID Card: | **123456M** |
| First Name: | **John** |
| Last Name: | **Smith** |
| Telephone: | **21212121** |
| Mobile: | **0035601234567** |
| Email: | **john.smith@example.com** |

Address Details

| | |
|---|---|
| Town: | **Mgarr** |
| Locality: | **Valletta** |
| Street: | **Triq Ghajn Tuffieha, Mgarr** |
| Post Code: | |
| House Name: | |
| House Number: | **1** |
| Coordinates: | **[35.9274809, 14.358095]** |
| Distance to School (km): | **20.73** |

Student Details

| | |
|---|---|
| ID Card: | **1234567L** |
| First Name: | **Anna** |
| Last Name: | **Smith** |

Transport Details

| | |
|---|---|
| Student Year: | **Kindergarten 1** |
| School: | **St Albert Kindergarten** |

**Dettalji ta' Kuntatt tas-Sezzjoni għat-Trasport tal-Iskejjel**

- **Indirizz:** Sezzjoni għat-Trasport tal-Iskejjel – Ministeru tal-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni – Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana
- **Numru tat-telefown:** 2598 1888
- **Indirizz elettroniku:** nonstateschooltransport.meyr@gov.mt